# Il-Festi ta' l-Imgħoddi...

**Ġużi Scerri jirrakkonta lil Emanuel Borg**

L-ewwel tifkiriet bikrija ta' Ġużi jeħduna lura qabel ma faqqgħet il-gwerra meta l-festa ta' Corpus kienet fl-aqwa tagħha. Triq Konti Ruġġieru għadu jġibha quddiem għajnejh bħalma narawha llum fir-ritratti l-antiki armata bil-liedna, bl-istedini bl-inċens u bil-qsari, bil-festuni, bil-kolonni bl-anġli fuqhom, u erbgħa kolonni bil-gastri mżejna bil-weraq tal-palm flimkien b'erba' trofejiet. Il-liedna jiftakarha ssir għand Gulliermu l-Mastrudaxxa fejn illum hemm Salvinu l-Ispiżjar. Ċertu Pawlu l-Bamboċċ kien jimxi quddiem is-sagrament bil-qoffa f'idejh ħalli jitfa' r-rand u l-fjuri mnejn kien jgħaddi s-Sagrament.

Fuq iz-zuntier, l-atmosfera kienet tkun differenti fejn hemmhekk kien jinħarqu t-trikki trakki marbutin ma' l-arbli. Għalhekk kien jgħaddi Karmnu l-Oħxon, li jiġi z-ziju ta' Frankie Farrugia n-Nitfa, bil-borża f'idejh jiġbor xi ħaġa għan-nar bl-għajta: "Ejja! Xi ħaġa! Xi ħaġa għan-nar! Ħa naħarqu issa! Ħa naħarqu issa!"

Ma' dan il-briju kollu, seba' baned kienu jdoqqu u jallegraw lin-nies fi Triq il-Kbira, fuq il-planċier, fuq iz-Zurziegħa, fejn il-*bar* ta' Alfie, fuq San Katald, fi Triq Konti Ruġġieru f'salib it-toroq u fejn kien hemm l-Azzjoni Kattolika qrib il-misraħ. Malli tgħaddi l-festa, missier Ġużi kien jieħu lil ibnu jitwu l-bandalori fis-sala l-antika.

Wara ż-żminijiet koroh tal-gwerra meta r-Rabat far bir-refuġjati, il-festi reġgħu ħadu spinta bis-saħħa ta' partitarji bħal Pawlu Gauci ta' Maranton, Ġanni Cachia ta' Radoss, Gulliermu Micallef il-Mastrudaxxa, Ġużi Fenech taċ-Ċilli, Ċikku Giordaina u Ninu Ciantar. B'ċertu sogħba fuq wiċċu, Ġużi jsemmi kif nies bħal dawn, illum kollha mejta, ħadu l-inizjattiva biex jirranġaw l-armar. Xammru l-kmiem u, madwar bank żgħir tax-xogħol fil-Foss, intefgħu jaħdmu b'ruħhom u ġisimhom b'riżq il-festi titulari. Għollew iz-zokklatura tal-kolonni (ta' l-erba' kolonni kif kienu mlaqqma) ta' quddiem l-Għassa l-antika, fejn illum hemm il-każin tal-Labour. Dan ix-xogħol sar ukoll fuq il-kolonni ta' Triq il-Kulleġġ. L-injam li ntuża ħaduh minn kaxxi għall-ippakkjar tas-sulfarini pprovduti minn ċertu Ġużeppi ta' Rokku.

Imbagħad għajnejhom waqgħu fuq Strada Rjali fejn twarrbu s-sitta u tletin kolonna antika għamla ta' skorfina bil-pilandri ċatti u bix-*shades* tal-plastik. Il-problema tat-traffiku bdiet terfa' rasha u għalhekk qiegħdu erbgħa u għoxrin waħda – tnax minnhom bil-ponta xewka li kienu jintramaw fi Triq il-Kulleġġ u tnax oħra b'gastra kbira li kienu jintramaw fuq San Katald. Minn Strada Rjali neħħew it-tnax-il appostlu biex jintramaw fil-pjazza li ma jmorrux jaqilgħu xi daqqa ta' karozza. Warrbu wkoll sitt trofejiet u tqiegħdu wkoll fil-pjazza. Dawn suppost tpoġġew hemm temporanjament sakemm jitlestew it-trofejiet il-ġodda. B'dispjaċir, Ġużi jirrimarkali illi dan kien proġett mhux komplut. Trofew wieħed biss tlesta sa l-aħħar fejn illum dan jintrama fi Strada Rjali quddiem Ċensinu l-Ħajjat.

Fuq l-għoxrin trofew inħadmet skultura ta' muzzettuni u weraq barokk għand Gulliermu l-Mastrudaxxa. L-iskultur kien Lorenzo Zammit. Il-weraq barokk li jżejjen in-naħa ta' fuq tat-trofejiet huwa materjal kollu kemm hu riċiklat. B'ċertu kburija, Ġużi jsemmili kif kien imur jiġbor il-kaxxi tal-bottijiet tal-ħabib Libby mingħand is-Sur Antoine l-Ispiżjar.

Ħidma li talbet żmien u paċenzja kien ix-xogħol fuq id-damask tal-faċċata tal-knisja. Sentejn wara l-gwerra ddeċidew illi jibdlu d-damask tad-drapp l-antik għax kien tmermer. Ninu Ebejer (Joċi), li kien idoqq il-baxx, pinġa d-disinn filwaqt li ħafna mix-xogħol ta' l-injam tlesta għand l-Arlekkin fi Triq il-Kulleġġ. Qabel ma bdew jiżbgħu, Ġużi jiftakar li d-dilettanti jixtru kwantità żgħira ta' żebgħa ħamra ħalli jaraw jekk tirreżistix għax-xemx.

Minn hawnhekk 'il quddiem, ir-ritmu mad-dilettanti Pawlini kien qabad ġmielu. Ftit ftit bdew jaħsbu kif ħa jżidu d-dawl fit-toroq għal żmien il-festi. Il-ħsieb oriġinali kien li jagħmlu xi erba' pilandri fi Triq Konti Ruġġieru biss iżda malajr għarralhom, għax l-entużjażmu tagħhom rikibhom u rnexxielhom ilestu sebgħa u tletin pilandra f'sena. Ġużi rrakkontali kif fis-sitta ta' filgħodu, qabel ma kien jitlaq lejn l-iskola, huwa kien jinżel fil-Foss jaqta' l-weraq mill-pjanċi taż-żingu ħalli sħabu kien ikollhom x'jimmartellaw filgħaxija biex iwaħħluhom mal-brazzi. Sfortunatament illum, qalli Ġużi, m'għadhomx joħorġu l-pilandri kollha.

L-Ark ta' Kristu sarulu wkoll it-tibdiliet meħtieġa. Wara diskussjonijiet fit-tul, nies bħal Johnnie Bugeja, missieru Wiġi u Salvu Demanuele ħadmu sabiex jitneħħa l-ornat l-antik li kien iżomm

it-tazzi taż-żejt fejn minflok saret dekorazzjoni oħra bħall-weraq tad-dwieli, għeneb, eċċ. Magħhom inħadmu wkoll żewġ linef għal ma' l-Ark. Fl-istess perjodu kienu qed jaħsbu biex jixtru l-affarijiet tad-dawl minflok joqogħdu jikru mingħand Filletti. Il-gaj li kien jieħu ħsieb jgħaddi d-dawl kienu l-aħwa Johnnie, Robbie u Eddie Bugeja, missierhom Wiġi Bugeja, Salvu Demanuele, Pawlu Pace, Żaren Farrugia u Feliċ Bugeja. Fl-istess intervall, ġiethom okkażjoni jixtru materjal użat mingħand kuntrattur simili illi ddeċieda jżarma. Għalhekk l-ewwel nefqa minn ġewwa telgħet għal madwar sebgħin lira. Kienet somma sostanzjali mhux ħażin sittin sena ilu iżda dan ma qatax qalbhom. Tas-Saħħa tawhom iċ-ċans jaħdmulhom id-dawl bi ħlas fl-okkażjoni ta' l-Inkurunazzjoni biex bil-mod il-mod setgħu jifdu parti mill-ispejjeż.

Dħul ieħor kien mill-ballijiet tal-każin tal-futbol fit-*tennis court* fil-foss ta' l-Imdina. Madankollu l-finanzi baqgħu problema. Il-bżonn iġieghlek tfittex kull mezz ta' introjtu possibbli. Darb'oħra saħansitra krew il-mejnijiet tad-dawl biex jarmawhom mill-koppla tal-Katidral sal-mina ta' de Redin.

Spiża oħra kienet tkun in-nies tal-ġurnata sabiex jitilgħu jgħinu fl-armar, sakemm dawn inqatgħu għal kollox maż-żmien. Ġużi jiftakar f'Ġużeppi Sammut minn Ħal Qormi jħallas lil dawn il-ħaddiema għan-nom tal-festa. Għalkemm kien Qormi, dan kien partitarju u benefattur kbir tal-festi tagħna. Isemmili wkoll ċertu Karmnu Galilej fejn kien jgħidlu: "Lili ħallini għall-aħħar biex jekk ma jkunx hemm jagħtini wara." Malli jieħu flusu, dan Karmnu kien irodd parti minnhom lura b'riżq il-festa. Mhux kulħadd kien l-istess bħal Karmnu Galilej, qalli Ġużi bid-daħka. Wieħed mill-gaj ta' Karmnu kien jinkwetah għax kien irid imur jixrob dejjem mill-kunvent ta' San Franġisk meta jaqbdu l-għatx!

Bejn kelma u oħra, it-tifkiriet ta' Ġużi ġġeddu sal-memorji tar-rakkuntar ta' missieru. Interessanti l-fatt illi San Pawl kienu joħorġuhom min-niċċa lejlet l-Imnarja, u kienu jkunu n-nies tat-tiġrija illi jdaħħluh lura. L-istatwa kienet tiġi mbragata mingħajr il-pedestall u tintrefa' fin-niċċa li ien flok il-bieb li jinfed għall-kulleġġ. Dan il-lok u l-għaġġla kollha kienet xhieda, skond Ġużi, tal-furja tar-Rabtin ta' dari lejn il-festa ta' Corpus bħalma jidher f'ħafna mill-armar l-antik. L-iskop kien wieħed nobbli għax l-ewwel konsagrazzjoni saret fil-Grotta, irraġuna Ġużi. "Għahekk għamluha l-festa ta' Korpus huma. Però mbagħad saħnu fuqha biss u San Pawl ma kienu jagħmlu xejn. U dik ma kinitx sewwa!"

F'Corpus kienu jsiru għadd ta' marċijiet illi nqatgħu bħal dak tal-Ħamis meta kienu jtellgħu lil Kristu tal-Ħobża fuq il-pedestall filwaqt li l-Ġimgħa kien imiss lill-Konti Ruġġieru fuq il-planċier. L-isbaħ marċ ta' Corpus, skond Ġużi, jibqa' tas-Sibt li kien jibda fl-erbgħa ta' wara nofsinhar mill-Banda Konti Ruġġieru. Ma' tmiem dan il-marċ jibda ieħor b'żewġ baned barranin fejn kienu jitilgħu għalih minn Ħaż-Żebbuġ, mis-Siġġiewi u mill-Mosta. Tar-Rabat kienu jpattu ż-żjara tagħhom billi mbagħad jinżlu għall-marċ tagħhom. Hawnhekk il-finanzi reġa' kellhom rwol deċiżiv. Naqqsu l-voluntieri akkaniti bħal Karmnu Sannata u Pawlu Borg fejn kienu joħorġu għall-arbular. Xi magna tal-ħjata kienu jtellgħuha lotterija. Darba minnhom qalgħu tliet għoġġiela. Iddeċidew illi jtellgħuhom lotterija għall-festa ta' San Pawl, għal Corpus u



*L-ewwel grupp tan-nar li ħadem fil-Kamra tan-Nar San Pawl fl-1990, Ġużi Scerri jidher l-ewwel wieħed min-naħa tal-lemin.*


"Il-Ħobż li aħna naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?"
San Pawl dwar l-Ewkaristija (1 Kor. 10, 16)

għall-Erwieħ. Din ta' l-Erwieħ kienu jirkantawh fuq San Katald.

Għall-mistoqsija tiegħi rigward il-festa ta' San Katald, Ġużi jiftakar lix-xjuħ ta' żmienu jirrakkuntaw b'nostalġija l-istennija għal din il-festa magħrufa dari bħala l-ħmira ta' Corpus. Jiftakarhom isemmu biss li kienu jagħmlu banda. Però m'għandniex wisq aktar tagħrif fuqha.

Żewġ okkażjonijiet li Ġużi mhu se jinsa qatt huma ċ-Ċentinarju u meta l-knisja ta' San Pawl barra mis-swar laħqet kolleġġjata. Fiċ-Ċentinarju ta' San Pawl Nawfragu, il-kardinal ta' Bombay, Valerian Gracias kien riekeb fil-karozza tal-gvernatur u nġibdet bil-ħbula minn San Bastjan sal-knisja ħalli jqaddes pontifikal. Ġużi kien wieħed minn dawk illi ġibed il-ħabel. Wara, dan il-kardinal żar il-każin fejn inghata donazzjoni. Il-Kardinal Paolo Morella żar ukoll is-sede tal-banda u għamel il-preċett lit-tfal fuq iz-zuntier. Jispikkaw fit-tifkiriet ta' Ġużi fl-okkażjoni taċ-ċentinarju, żewġ prelati tal-Knisja tal-Lvant – papas Ortodoss u, isqof Koptiku twil liebes kuruna bħal tar-rejiet minflok berettin kif is-soltu mdorrijin naraw il-prelati. Saħaq miegħi illi għadu jiddispjaċieh talli ma attendix għall-funzjoni tal-Koptiku.

L-okkażjoni tal-kolleġġjata fl-1962 taf il-bidu ta' l-istinkar minn snin qabel. Kien inħoloq kumitat apposta, u nġabru l-firem ħalli tintbagħat petizzjoni l-kurja. Kienet problema politika għax l-istat ma riedx joħloq preċedent billi jerħi xi ħaġa minn taħt idejh biex jgħddiha lill-knisja. Il-Kon Katidral ta' San Ġwann seta' jgħaddi mill-istess xorti jekk il-kulleġġ jaqa' taħt il-knisja. U kien hemm ukoll il-problema tal-finanzi kif se ssostni l-kumpless ta' Wignacourt u l-kanonċi.

Imbagħad Ġużi qagħad jiddeskrivili l-purċissjoni ta' l-Irxoxt. Differenti ħafna milli kif nagħmluha llum. Kienet tbakkar fis-sitta u nofs ta' filgħodu mingħajr banda u bla persunaġġi bibliċi, u kienet itterraq lejn is-suq fejn imbagħad tiġbed lejn Triq ir-Rebħa għal fuq San Katald. Meta bdiet toħroġ il-banda, il-bandisti kienu jdoqqu ħdejn ir-restorant tal-Cosmana sakemm biż-żmien bdew jakkumpanjaw il-vara.

Sehem iż-żgħażagħ fil-preparamenti tal-festa jokkupa parti importanti fil-memorji ta' Ġużi. Kien wieħed minn tal-bidu meta twaqqfet il-Kummissjoni Żgħażagħ fl-1953. Fost l-ewwel proġett kien hemm it-terħa. Iżda xkiel ma setax ma jonqosx. Darba minnhom qam storbju sħiħ fil-każin bil-lejl għax ħasbuhom qed jaħdmu n-nar f'din il-kamra, fil-garigor tal-każin. Issejhet seduta biex jifthu jaraw x'kien hemm bla ma sabu xejn, għax fil-fatt qatt ma kienu ħadmu nar fis-sede tal-banda.

It-trikki trakki kien isir fil-Foss. Ġużi kien joqgħod jimlihom, jagħlaqhom u jwaħħal il-miċċa. Għax-xogħol aktar delikat, bħat-tqattigħ tal-kulur, kienu jiġbdu lejn kamra ftit imbiegħda fil-Kalkara tal-Grun. F'Wied Liemu, Ġużi qatta' ħin twil jaħdem fuq il-bombi, l-iskrataċ, idawwar il-murtali tal-kaxxa għall-komunikazzjoni u jqatta' t-takki.

Jgħidu biex kliem ix-xiħ iżżomm fih. Għalikom biex tgħarblu dan li ġej minn bniedem ġenwin li ħadem bla ebda interess b'riżq il-festa:

"Jien ngħidilkm ħudu ħsieb. Oqogħdu attenti. Tiġġieldux. Aqtgħu argument u spiċċa. Mhux dak sejjer hawn u l-ieħor 'l hemm għax fid-dinja ma tistax taqbel mija fil-mija ma' kulħadd. Lanqas ġo msarnek għax jibdew igorru wkoll kultant anke meta tagħtihom jieklu. Voldieri dik ngħidilkom. U ibqgħu magħqudin kemm tistgħu u ppruvaw ġibu ż-żgħażagħ iktar għax iż-żagħżugħ huwa raġel ta' għada. Anke tifel. Jien nixtieq dejjem, dik il-ħsieb, li anke kont inkun il-Foss il-Maħżen. Nieħu pjaċir jiġi tifel u naħtfu ħa joqgħod hawn. Qed tifhem? Għax ix-xjuħ jonqsu. Qed tifhem? Min jiżmanġa minn hawn. Min telaq diġà. Allura dik ngħidilkom jien… Oqogħdu attenti u ara ma tweġġgħux! Qed tifhem? U rsistu kemm tistgħu. U l-festa ta' wara mill-għada tal-festa trid tibda tieħu ħsieb tagħha. Mill-għada! Għax jibdew jgħidu: 'Il-Marija x'inti taħseb!' Ngħidilhom: 'Mela kif ġiet?' 'Veru! Veru!'"

**N.B.:** Ta' min jinnota illi wlied Ġużi – Christian u Charles – huma attivi ferm matul is-sena f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-festa.


# Silver Lace Jewellers

***Jispeċjalizzaw fil-Filugranu, 18ct, 9ct,***
***Deheb Abjad u għażla kbira ta' Fidda***

40, Triq San Pawl, Rabat Tel/Fax: 2145 3083 Mob: 9944 3505, 9982 9507


